**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 674/2019 RM**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Paul Camilleri)**

**-Vs-**

**AARON STEVEN STEWART EDWARD RITCHIE**

**Illum, 17 ta' Novembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **AARON STEVEN STEWART EDWARD RITCHIE** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0077000(L), akkuzat talli nhar id-29 ta' Ottubru 2019 għall-ħabta tal-11.20, waqt li kien ġewwa Velhmor Stationery Pjazza Antoine de Paule, Paola:-

1. Ikkometta serq ta' ħames arloġġi CASIO, liema serq huwa aggravat bil-"**Mezz "** u bil-'**Valur'** liema valur tal-ħaġa misruqa mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), u dan għad-dannu ta' *"**Velhmor Sationary" rapreżentat minn Robert Fenech detentur tal-karta tal-identita Maltija 324277(M).*** Bi ksur tal-artikoli 261(b),(c), 263(a), 267 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Illi fl-istess data, ħin u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqhu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Mag. **Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D** fid-digriet tagħha **nhar 17 ta' Mejju 2019** li bih tat il-ħelsien mill-arrest. Bi ksur tal-artikoli 579(1), (2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Illi fl-istess data, ħin u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqhu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Mag. **Dr. Y. Micallef Stafrace LL.D** fid-digriet tagħha **nhar 22 ta' Ottubru 2019** li bih tat il-ħelsien mill-arrest. Bi ksur tal-artikoli 579(1),(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ taħ ħtija, flimkien mal-piena skond il-liġi, tordna r-revoka *contrario imperio* tad-digriet li bih l-imputat **Aaron Steven Stewart Edward Ritchie**, nhar **17 ta' Mejju 2019** ingħata il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mill-Maġistrat **Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D** u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat u kif ukoll tordna li l-ammonti stabbiliti bħala garanzija personali fl-imsemmi digriet li jammonta għal **€10,000** jgħaddu b'konfiska favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena skond il-liġi, tordna r-revoka *contrario imperio* tad-digriet li bih l-imputat **Aaron Steven Steward Edward Ritchie**, nhar **22 ta' Ottubru 2019** ingħata il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mill-Maġistrat **Dr.Y. Micallef Stafrace LL.D** u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat u kif ukoll tordna li l-ammonti stabbiliti bħala garanzija personali fl-imsemmi digriet li jammonta għal **€15,000** jgħaddu b'konfiska favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'kas ta' ħtija flimkien mal-piena skond il-liġi titratta l-imputat li fl-istess data, ħin u ċirkostanzi kiser ordni tal-Qorti **"Conditional Discharge"** mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Mag. **Dr. Joseph Mifsud LL.D** fis-sentenza tiegħu nhar 11 ta' Ottubru 2017.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti.

Il-Qorti hija mitluba li titratta ma' l-imputata bħala reċediva ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-liġiiet ta' Malta, b'sentenza tal-Qorti (Malta), liema sentenzi saru defenittivi.

Il-Qorti hija finalment ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi ***Aaron Steven Steward Edward Ritchie*** sabiex jirrestitwixxi lill-partijiet offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li hi kienet xjentement laqat' għandha b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra, jekk ikun il-każ.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali[1] ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami iwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat ir-rapport ippreżentat mill-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler (Dok. MFS) fis-26 ta' Mejju 2021;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli difensur tal-imputat fis-seduta tat-25 ta' Ottubru 2021;

---

[1] Fol. 7 – Dok. PC1.

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jigi mixli b'serq aggravat kif ukoll li bil-kommissjoni tal-istess reat huwa kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li ġew imposti fuqu permezz ta' żewġ digrieti mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, kif ukoll li wettaq dan ir-reat waqt il-perijodu operattiv ta' ordni ta' liberazzjoni kundizzjonata. Ġie mixli wkoll li huwa reċidiv.

**<u>L-Ewwel Imputazzjoni</u>**

Dwar ir-rapport li sar lill-Pulizija fid-29 ta' Ottubru 2019, Anna Massa, salesperson impjegata fl-istabbiliment Velmor Stationery ġewwa Raħal Ġdid, xehdet li waqt illi kienet qiegħda tirranġa l-ixkafef rat persuna liebsa *hoodie* quddiem armatura fir-rokna tal-ħanut li kien fiha arloġġi u wallets. Meta staqsietu kellux bżomm xi ħaġa, wieġeb fin-negattiv u hekk kif din il-persuna daret biex titlaq, hija rat illi kellu l-ġakketta li kienet tidher mimlija fuq quddiem u l-ġnub b'oġġetti kwadrati bil-ponot ħerġin 'l barra minn taħt il-ġakketta u l-persuna kienet qed iżżomm id waħda taħt żaqqu. Ix-xhud qalet li dak il-ħin hija ssuspettat li l-persuna kienet ħadet xi ħaġa u għalhekk hija staqsietu biex jiftaħ il-ġakketta iżda l-persuna rrifjutat u qal li m'għandu xejn li mhux tiegħu u meta baqgħet tinsisti, huwa imbuttaha ftit biex jgħaddi, ħareġ mill-ħanut u telaq. Dak il-ħin hija rat spazju vojt fil-vetrina u indunat li kien hemm arloġġi neqsin minn ġol-armatura li tidher fir-ritratti formanti parti minn Dok. PC9, liema arloġġi uħud minnhom kienu ġo kaxxa għalihom. Ix-xhud qalet ukoll li l-vetrina kienet tkun imsakkra iżda meta sussegwentement marret biex terġa' tagħlaq il-vetrina u ssakkarha, sabet li ċ-ċavetta ma setgħetx iddur.

Claire Fenech, mart is-sid tal-ħanut, xehdet illi f'ħin minnhom hi semgħet lil Anna Massa, li kienet lejn in-naħa ta' barra tal-ħanut, tgħajjat "*hemm x'għandek!*". Ratha tissara ma' persuna li kienet liebsa *zip-up* griża bil-*hood* fuq rasha u rat ukoll lil din il-

persuna timbottaha qabel ħarġet mill-ħanut. Xehdet illi dak il-ħin hija marret tiġri wara din il-persuna u għalkemm ma kienx qed jiġri, kien miexi b'pass mgħaġġel. Hi baqgħet issegwih u rat illi kien qed iżomm idu fuq żaqqu u rat il-ponta ta' kaxxi ħerġin minn taħt il-ġakketta. Qalet ukoll li meta dan ir-raġel induna li hija kienet qed tiġri warajh u staqsiha għalfejn kienet qed issegwih, hi weġbitu li hu kellu l-affarijiet tagħha fil-ġakketta tiegħu, ħaġa li huwa nnega u rrifjuta wkoll li jiftaħ il-ġakketta u juriha x'kien qed iżomm taħtha filwaqt li insista li dawk kienu affarijiet tiegħu. Hi baqgħet issegwih sal-ġnien faċċata tal-iskola għaliex beżgħet tidħol warajh fil-ġnien. Ix-xhud ikkonfermat illi mill-vetrina fejn rat lil din il-persuna u lil Anna Massa, hija kkostatat illi ġew neqsin ħames arloġġi u dan wara li hija għamlet il-verifiki fis-sistema dwar l-istokk li jinżamm fil-vetrina u x'kien inbiegħ minn dak l-istokk. Ikkonfermat ukoll illi minn dakinhar il-vetrina, li qabel dejjem kienet tinżamm imsakkra, ma setgħetx tibqa' tissakkar biċ-ċavetta tagħha.

Għalkemm fl-istqarrija formali tiegħu l-imputat ma wieġeb prattikament għal ebda domanda, l-Ispettur Paul Camilleri xehed li wara li ġie arrestat, l-imputat stqarr li huwa kien fil-ħanut iżda innega li ħa l-arloġġi allegatament misruqa u meta ġie mistoqsi għaliex irrifjuta li juri lis-salesperson x'kien qed iżomm taħt żaqqu, wieġeb li mhux affariha x'qed iżomm taħt żaqqu u m'għandhiex dritt tgħidlu biex jikxef il-flokk. Ix-xhud ikkonferma illi dan il-kliem l-imputat stqarru meta beda jitkellem spontanjament u dan wara li ġie arrestat u wara li ngħata d-drittijiet legali tiegħu fosthom id-dritt tas-silenzju kif ukoll id-dritt li jikkonsulta ma' avukat. Għaldaqstant, din l-istqarrija hija ammissibbli bħala prova ta' dak li l-imputat qal lill-Ispettur Paul Camilleri, għaliex jirriżulta li din l-istqarrija ngħatat mhux biss volontarjament iżda wkoll wara li ġie mwissi bil-mod rikjest mid-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kap. 164 tal-Liġijiet ta' Malta[2].

Dan ifisser illi l-imputat ammetta li l-persuna li effettivament ġie konfrontat minn Anna Massa ġewwa l-istabbiliment Velhmor, liema persuna rrifjutat turi x'kellha

[2] Għalkemm, għandu jingħad, in-nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżit tal-aħħar ma jnaqqas xejn mill-validita' u ammissibbilita' tal-istqarrija, purche' din tkun ingħatat volontarjament u ma jkunx fiha l-ebda mid-difetti msemmija mill-Artikolu 658 tal-Kap. 9.

miżmum ma' żaqqha u telqet dlonk mill-ħanut b'pass mgħaġġel segwita minn Claire Fenech, huwa proprju l-imputat. Dan mhux kontestat mill-imputat u f'kull każ l-imputat ġie identifikat pożittivament minn Claire Fenech kif ukoll Anna Massa bħala l-persuna li kien fil-ħanut u li allegatament seraq l-arloġġi u dan meta indikawh fl-istess ritratt fost sett ta' disgħa ritratti li ġew murija lilhom separatament ftit ġranet wara s-serqa. Għarfuh ukoll waqt it-testimonjanza tagħhom quddiem il-Qorti bħala l-persuna li allegatament seraq mill-ħanut.

Għandu jingħad ukoll illi PC 471 Michael Briffa u PC 195 Melvin Calleja, li ġabru filmati minn CCTV *cameras* ta' stabbilimenti varji ġewwa Triq Hal Tarxien u Triq it-Tarzna, Paola, raw f'dawn il-filmati l-persuna li tathom deksrizzjoni tagħha l-vittma, tiġri fit-triq fejn f'ċertu punt waqgħulu xi affarijiet u deher jiġborhom waqt li s-sid tal-ħanut derubat tidher tiġri warajh biex twaqqfu. Huma entrambi għarfu din il-persuna li wiċċha jidher fil-filmati, bħala l-imputat Aaron Ritchie li jafuh fuq każijiet oħra ta' serq.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva li għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat tar-reati li ġie mixli bihom fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull serqa jew ħsara addebitata lill-imputat, bejn l-istess imputat u dik is-serqa jew ħsara: ness li jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq dik is-serqa jew ħsara. Ċertezza li għandha tkun radikata fi stħarriġ sħiħ, imparzjali u diliġenti tal-evidenza u s-sottomissjonijiet kollha miġjuba, tal-provi ammissibbli, ordinarji u esperti, diretti u indiretti jew indizzjarji li jkunu tressqu quddiemha u li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tigi instawrata f'moħħ il-ġudikant, iċ-ċertezza assoluta u dan għaliex huwa rari li jiġi riskontrat dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija

kriminali, li qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova, ċioe' ċ-ċertezza morali, hija l-ogħla *threshold* ta' prova li l-liġi teħtieġ fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Sabiex tiddetermina jekk dan il-livell probatorju jkun intlaħaq fil-kaz partikolari, il-Qorti trid tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali.

« *Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq* parti minn *dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.* »[3]

Għandu jingħad li spiss jiġu riskontrati każijiet fejn il-fatti li joħorgu mill-provi ma jaqblux ma' xulxin jew ikun hemm xhieda li addirittura jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda f'każijiet bħal dawn, huma relevanti d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija mill-Artikolu 633 u mill-Artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li

[3] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.

fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi ohra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda ohra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[4], mhux kull konflitt fil-provi ghandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «... *il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*».

Inoltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta` tax-xhieda, l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu jistipola li xhud wiehed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

Ikkunsidrat;

Illi wara li qieset ix-xhieda u l-provi kollha miġjuba mill-Prosekuzzjoni in sostenn tal-ewwel imputazzjoni u applikat l-insenjament u l-prinċipji appena esposti u ċitati, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi l-imputat ikkommetta serq minn ġol-istabbiliment Velmor Stationery fid-29 ta' Ottubru 2019 u li kien hu li effettivament seraq numru ta' arloġġi minn ġol-vetrina li tidher fir-ritratti esebiti fl-atti. Il-Qorti temmen bis-sħiħ il-verżjoni ta' Anna Massa u Claire Fenech li entrambi xehdu kif, wara li raw lill-imputat jaġixxi b'mod ferm suspettuż fejn kien qed iżomm b'idu fuq żaqqu l-ġakketta

---

[4] Deciza 9.7.2003.

li kienet tidher mimlija minn taħt, b'oġġetti bil-ponta u rrifjuta li jurihom x'kellu, innotaw li kien hemm diversi arloġġi bil-kaxxi tagħhom neqsin minn ġol-vetrina fil-ħanut fejn Anna Massa kienet ikkonfrontatu[5]. Ma għandha l-ebda riżerva lanqas biex tagħti affidabbilita' sħiħa lill-verżjoni tagħhom li wara dan l-episodju, ġie osservat ukoll illi s-serratura tal-vetrina ma baqgħetx tissakkar, fejn qabel din kienet tinfetaħ u tissakkar mingħajr diffikolta'.

**Huwa minnu li r-*res furtiva* konsistenti f'ħames arloġġi tad-ditta Casio[6], baqgħu ma nstabux fuq il-persuna tal-imputat u lanqas fir-residenza tiegħu iżda mill-ġabra tal-provi u l-indizzji kollha, il-Qorti hija konvinta li kien l-imputat u ħadd iktar li seraq mill-ħanut Velmor Stationery. Din il-konklużjoni waslet għalih senjatament iżda mhux biss, abbażi tal-verżjoni tax-xhieda okulari li sostnew bla tlaqliq fid-depożizzjoni tagħhom li l-imputat kien qed iżomm moħbi taħt il-ġakketta tiegħu għadd ta' oġġetti bil-forma kwadrata u ppuntata li kienu jidhru b'mod evidenti minn taħt ħwejġu u minkejja li huwa ġie mitlub iktar minn darba juri x'kellu moħbi taħt il-ġakketta, irrijuta li jikko-opera. Huwa sintomatiku ħafna fl-aġir evażiv u movimenti suspettużi tal-imputat illi Anna Massa kif ukoll Claire Fenech ikkonfermaw illi l-vetrina li quddiemha l-imputat ġie interċettat, mhux biss instabet miftuħa meta din kienet tinżamm magħluqa iżda wkoll illi l-bieb tagħha ma setax jibqa' jissakkar biċ-ċavetta tiegħu. Qieset ukoll il-prova – li ġiet sorretta ulterjorment mill-filmati esebiti in atti – illi wara li l-imputat telaq b'pass mgħaġġel mill-ħanut u waqt li kien qed jiġi segwit minn Claire Fenech, waqgħu xi oġġetti minn dawk li kien qed iżomm u hu ġabarhom mill-art u baqa' sejjer b'pass mgħaġġel. Għall-Qorti dawn huma indizji univoċi u konkordanti u fl-assjem tagħhom ma jħallu l-ebda dubju dettat mir-raġuni f'moħħha li l-imputat kien effettivament seraq xi oġġetti mill-imsemmija vetrina.**

Kwantu għall-oġġetti li ġew effettivament misruqa, Anna Massa xehdet illi hija ntebħet minnfih, waqt li kienet qed tikkonfronta lill-imputat, li kien hemm xi arloġġi,

[5] Din il-vetrina tidher fir-ritratti esebiti fl-atti – Dok. PC9.
[6] Valur komplessiv ta' €673. – fol. 50 *et seq*.

uħud minnhom fil-kaxxa tagħhom, li kienu neqsin mill-vetrina anke għaliex rat li kien hemm spazju vojt fil-vetrina fejn kienu jinżammu dawn l-arloġġi li kienet rathom l-aħħar il-ġurnata ta' qabel. In-nuqqas ta' dawn l-arloġġi ġie ulterjorment affermat minn Claire Fenech li mhux biss iddikjarat li hija kienet rat li dawn l-arloġġi kienu għadhom fil-vetrina sa ftit tal-ħin qabel dakinhar stess, iżda kkonfermat ukoll li abbażi tal-istokk reġistrat fis-sistema, twettaq eżerċizzju biex jiġi stabbilit x'kien inbiegħ minn dak l-istokk li kien jinżamm f'dik il-vetrina, fejn irriżulta li kien hemm neqsin ħames arloġġi tal-għamla u valur li jinsab indikat fil-fatturi esebiti fl-atti, debitament konfermati mill-istess xhud fix-xhieda tagħha[7].

Fil-fehma tal-Qorti, il-provi diretti kif ukoll indizzjarji fir-rigward tar-*res furtiva* huma univoċi u konkludenti u jippontaw lejn direzzjoni waħda u ċioe' r-reita' tal-imputat u jikkonvinċuha moralment li kien hu u ħadd iktar, li seraq dawn l-arloġġi. Ma hemm l-ebda mottiv li jista' jikkonvinċi lil din il-Qorti biex ma tagħtix affidament lill-verżjoni tal-fatti mogħtija minn dawn iż-żewg xhieda illi kienu konsistenti fil-verżjoni tagħhom tal-fatti, verżjoni li affermaw anke meta xehdu in kontro-eżami. Għalkemm ġie sottomess mid-difiża waqt it-trattazzjoni illi l-ħanut kien frekwentat minn klijenti oħrajn iktar kmieni fl-istess ġurnata, **l-ipotesi li l-oġġetti nsterqu minn persuni oħrajn dakinhar stess m'hijiex ipotesi li hija raġjonevoli jew imqar probabbli meta din titqiegħed fl-isfond tal-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni**. Ipotesi li ma tinstawrax dubju li tista' titqies bħala wieħed li huwa dettat mir-raġuni.

Huwa minnu li l-imputat ma kienx obbligat jiftaħ il-ġakketta u juri lill-addetti tal-istabbiliment dak li kien qiegħed evidentement iġorr taħt il-ġakketta tiegħu iżda fl-istess ħin, jekk verament ried iwarrab is-suspetti tagħhom li kien seraq mill-ħanut il-Qorti tistenna li l-imputat ma kienx ikollu diffikolta' biex jikxef l-oġġetti li kellu taħt hwejġu *multo magis* jekk kien minnu li, kif jirriżulta li sostna huwa stess, dawn kienu tiegħu.

[7] Ara fol. 67.

Id-difiża sottomettiet ukoll illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduċi prova li nstabu l-impronti diġitali tal-imputat fuq il-vetrina. Iżda fil-fehma tal-Qorti, in-nuqqas tal-Pulizija li televa impronti diġitali minn fuq il-ħġieġ tal-vetrina - għalkemm bla dubju din il-prova kienet tkun prova korroboranti li tkompli ssaħħaħ il-provi tal-Prosekuzzjoni - m'huwiex, fil-fehma tal-Qorti, nuqqas li huwa deċiżiv jew fatali għall-każ tal-Prosekuzzjoni għaliex kif diġa' ġie stabbilit, hemm biżżejjed provi u indizzji li jorbtu lill-imputat man-nuqqas tal-arloġġi mill-vetrina in kwistjoni.

Dan ifisser illi l-imputat għandu jinstab ħati tas-serq tal-arloġġi bl-aggravju tal-valur skont l-Artikolu 267 tal-Kap. 9 għaliex anke kieku wieħed kellu, għal mument, jikkonċedi li l-imputat ma seraqx l-arloġġi kollha indikati fil-fatturi esebiti, il-Qorti hi konvinta illi mix-xhieda tal-addetti tal-istabbiliment illi kien hemm iktar minn arloġġ wieħed li nsteraq u għalhekk f'kull każ, il-valur komplessiv jeċċedi s-somma ta' €232.97.

Kwantu għall-kwalifika tal-mezz, il-Qorti tosserva illi ġie sodisfaċjentement stabbilit mill-provi ċioe' mid-depożizzjoni ta' Anna Massa u Claire Fenech illi l-vetrina li kienet dejjem imsakkra b'ċavetta, instabet miftuħa u s-serratura ma baqgħetx tissakkar iktar biċ-ċavetta.

Is-subartikolu (1) tal-Artikolu 264 tal-Kap. 9 jiddefinixxi hekk il-kunċett ta' "ksur" għall-fini tar-reat ta' serq aggravat bil-mezz :-

*Taħt l-isem ta' "ksur" jidħlu kull ... ksur, ħatt, ... qligħ, tagħwiġ jew sgassar ta' ... katnazz, bieb jew ta' mezzi oħra bħal dawn li qegħdin sabiex ma jħallux id-dħul f'dar jew f'lok ieħor jew f'reċint, jew biex isakkru jew jerfgħu fiż-żgur ħwejjeġ jew oġġetti oħra f'kaxex, fi sniedaq, f'armarjijiet jew reċipjenti oħra, u kull ksur ta' kaxxa, senduq jew reċipjent ieħor ...*

Għalkemm huwa minnu li ma nstab l-ebda sinjal manifest u estern ta' sgass fil-vetrina u fis-serratura (kif wara kollox hu evident mir-ritratti esebiti fl-atti – Dok. PC9), mix-

xhieda l-Qorti hi konvinta illi s-serratura b'xi mod ġiet mimsusa mill-imputat biex irnexxilu jiftaħ il-bieb u biex is-serratura ma baqgħetx tiffunzjona bħal qabel. Għall-Qorti dan ifisser illi hija sodisfatta l-prova li kien hemm ksur effettiv tas-serratura li hija maħsuba biex issakkar l-oġġetti, fosthom l-arloġġi misruqin, ġewwa l-armatura ossia vetrina. **Fil-fehma tal-Qorti, il-manifestazzjoni esterna tal-lieva jew sgass tal-bieba jew tas-serratura m'hijiex meħtieġa *sine qua non* għall-prova tal-ksur kif definit mill-Artikolu 264(1) tal-Kap. 9 u wara li semgħet ix-xhieda taż-żewġ addetti tal-istabbiliment li minnu nsterqu l-arloġġi, il-Qorti hi konvinta mill-kumpless tal-evidenza ċirkostanzjali illi hija presunzjoni ta' fatt li l-imputat, biex irnexxilu ikseb aċċess għall-arloġġi li kienu reċintati fil-vetrina msakkra, bagħbas is-serratura b'mod li din ma baqgħetx tinfetaħ u tingħalaq bħal qabel. F'dan jirraffigura l-kunċett tal-ksur li jservi biex jikkwalifika s-serq bl-aggravju tal-mezz**.

**<u>It-Tieni u t-Tielet Imputazzjonijiet</u>**

L-imputat ġie mixli li permezz tal-kommissjoni tar-reat ta' serq aggravat, addebitat lilu fl-ewwel imputazzjoni, huwa naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' żewġ digrieti li permezz tagħhom huwa kien ingħata l-ħelsien mill-arrest: wieħed mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta[8] fis-17 ta' Mejju 2019 u d-digriet l-ieħor mogħti wkoll minn din il-Qorti diversament preseduta[9] fit-22 ta' Ottubru 2019 ċioe' ġimgħa biss qabel il-kommissjoni tar-reat ta' serq mertu ta' dawn il-proċeduri odjerni. Bis-saħħa ta' dawn iż-żewġ digrieti, l-imputat ġie marbut, fost kundizzjonijiet oħrajn, li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest.

Issa fil-każ in diżamina il-Prosekuzzjoni produċiet prova tad-digrieti li bihom l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest, permezz tax-xhieda bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosekutur f'dawn il-proċeduri, li esebixxa kopja awtentikata tad-digrieti bit-timbru u

---

[8] Per Onor. Mag. Claire Stafrace Zammit – Dok. PC11, fol. 95.
[9] Per Onor. Mag. Yana Micallef Stafrace – Dok. PC12, fol. 107.

l-firma tad-Deputat Reġistratur tal-Qorti li erogat, rispettivament, dawn id-digrieti. Ressqet ukoll prova bix-xhieda ġuramentata tal-Uffiċjali Prosekuturi li jmexxu l-proċeduri kriminali li fihom ingħataw id-digrieti in diżamina[10], liema xhieda identifikaw lill-imputat odjern bħala l-istess persuna li fuqu ġew imposti l-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest fil-proċeduri kriminali mmexxija minnhom rispettivament.

Għall-Qorti, dan kollu komplessivament jikkostitwixxi prova biżżejjed tal-ksur da parti tal-imputat tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest lilu konċess permezz ta' l-imsemmija żewġ digrieti, liema kundizzjonijiet il-Qorti hi sodisfatta li kienu *in vigore* fid-29 ta' Ottubru 2019, ossia d-data tal-kommissjoni tar-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni u konsegwentement, tqis illi l-elementi tar-reat taħt l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 ġew debitament sodisfatti kwantu għat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet.

**<u>Ir-Raba' Imputazzjoni</u>**

Illi fir-raba' akkuża, l-imputat ġie mixli li huwa kkommetta r-reati li qed jinstab ħati tagħhom waqt il-perijodu operattiv ta' ordni għal liberazzjoni kondizzjonata mogħtija bis-saħħa ta' sentenza tal-11 ta' Ottubru 2017 u kwindi li kiser din l-ordni. Il-Qorti hi tal-fehma li din l-imputazzjoni kif imfassla fiċ-Ċitazzjoni, ukoll hija ppruvata. Dan għaliex il-Prosekuzzjoni ipproduċiet fl-atti kopja awtentikata ta' din is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Aaron Steven Steward Edward Ritchie**[11], liema sentenza għalkemm ma fihiex il-konnotati kollha tal-imputat, fiha biżżejjed konnotati (numru tal-karta tal-identita' identiku u data u post tat-twelid identiċi) biex jintwera lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li l-imputat odjern huwa l-istess Aaron Steven Stewart Edward Ritchie li ġie liberat kondizzjonalment fl-imsemmija sentenza. Jirriżulta wkoll illi l-kopja ta' din is-sentenza li ġiet esebit fl-atti, hija kopja debitament awtentikata mid-Deputat

[10] L-Ispettur Hubert Cini (xhieda tal-26 ta' Ġunju 2020) u l-Ispettur Fabian Fleri (xhieda tal-10 ta' Settembruu 2020).
[11] Dok. PC15, fol. 122.

Reġistratur tal-Qorti li erogat dik is-sentenza u ġiet hekk esebita bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosekutur f'din il-kawża.

Barra minn hekk, ġaladarba l-imputat qed jiġi kkundannat għal reat li ġie kommess minnu inqas minn tliet (3) snin wara l-Ordni għal liberazzjoni kondizzjonata u kwindi meta din l-Ordni kienet għadha fis-seħħ, m'hemm l-ebda dubju li huma applikabbli d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 23 tal-Kap. 446, kif addebitat fiċ-Ċitazzjoni. Il-Qorti tqis li għandha tittratta lill-imputat għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni, ċioe' r-reat ta' serq sempliċi, bħallikieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn din il-Qorti għal dak ir-reat.

**<u>L-Addebitu tar-Reċidiva</u>**

In sostenn ta' dan l-addebitu, il-Prosekuzzjoni pproduċiet kopja awtentikata ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-24 ta' Marzu 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Aaron Ritchie**[12]. Il-kopja ġiet awtentikata mid-Deputat Registratur tal-Qorti li erogat dik is-sentenza, sentenza li kkundannat lill-imputat piena ta' sitt xhur priġunerija. Il-konnotati ta' Aaron Ritchie li ġie kkundannat permezz ta' dik is-sentenza, fosthom in-numru tal-karta tal-identita', l-isem ta' ommu u missieru u l-post u data tat-twelid, huma identiċi għall-konnotati tal-imputat odjern kif indikati fiċ-Ċitazzjoni. Għaldaqstant, abbażi ta' din il-prova, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-imputat għandu jitqies bħala reċidiv għall-fini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9.

Iżda fl-istess waqt l-imputat ma jistax jitqies ukoll bħala reċidiv għall-fini tal-Artikolu 50 u tal-Artikolu 289 tal-Kap. 9. Kwantu għall-Artikolu 289 tal-Kap. 9, l-imputat ma jistax jitqies li huwa reċidiv fir-reat ta' serq għaliex il-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova tajba li l-imputat kien ġie kundannat qabel għar-reat ta' serq. L-unika sentenza li ġiet esebita in sostenn ta' dan l-addebitu u li tista' tiġi kkunsidrata bħala prova siewja għall-fini ta' ħtija għall-addebitu tar-reċidiva, hija l-kopja tal-imsemmija sentenza

[12] Dok. PC13, fol. 108 *et seq*.

mogħtija fl-24 ta' Marzu 2014 (Dok. PC13) li kif ingħad, ikkundannat lill-imputat għal piena ta' priġunerija iżda mhux għal reat ta' serq. Dan qed jingħad għaliex is-sentenza l-oħra esebita mill-Prosekuzzjoni in sostenn ta' dan l-addebitu – mogħtija fil-11 ta' Ottubru 2017 - illiberat lill-imputat kondizzjonalment taħt ordni għal liberazzjoni kondizzjonata. Kif inhu risaput, il-liberazzjoni kondizzjonata m'hijiex kundanna: effettivament, din tiġi applikata **minflok** tingħata piena proprju għaliex il-Qorti tkun qieset li ma jkunx spedjenti li twaħħal ebda piena. Kemm hu hekk, jinsab ritenut illi fejn il-ħati ingħata sanzjoni kontemplata fl-Att dwar il-Probation (Kap. 446):-

"*... kif din il-Qorti dejjem irriteniet, persuna ma tistax titqies recidiva fir-rigward tal-mezzi ta' trattament kontemplati fil-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Ara, per ezempju, f'dar-rigward l-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Stephen Zahra deciz fit-30 ta' April 2008 u l-Appell Kriminali Il-Pulizija v. George Desira deciz fid-9 ta' Jannar 2013.*"[13]

Huwa minnu li minn eżami ħafifa tal-fedina penali tiegħu, esebita in atti, jirriżulta illi l-imputat instab ħati u ġie kundannat ripetutament fil-passat għad-delitt ta' serq, iżda huwa ritenut paċifikatament in materja illi il-fedina penali waħedha mhux biżżejjed u ma tikkostitwixxix l-aħjar prova li l-Prosekuzzjoni hi, wara kollox, marbuta li tressaq in sostenn tal-akkuża tar-reċidiva. L-aħjar prova tikkonsisti f'kopji debitament awtentikati ta' sentenzi li fuqhom tinsab imsejsa dan l-addebitu. Madanakollu, fil-każ in diżamina, hija nieqsa l-prova li qatt kien hemm xi ġudizzju preċedenti li effettivament ikkundanna lill-imputat għall-kommissjoni tad-delitt ta' serq.

Kwantu mbagħad, għall-addebitu tar-reċidiva taħt l-Artikolu 50 tal-Kap. 9, kif rajna, l-unika sentenza li ġiet prodotta in atti mill-Prosekuzzjoni u li tiswa bħala prova tar-reċidiva, hija s-sentenza tal-24 ta' Marzu 2014[14]. Kundanna ta' piena li mhux biss ma kienetx teċċedi ħames snin priġunerija iżda ġiet skontata iktar minn ħames snin qabel

---

[13] **Il-Pulizija vs Lydon Cutajar** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6.2.2013

[14] Dok. PC13, fol. 108 *et seq*.

il-kommissjoni tad-delitt ta' serq fid-29 ta' Ottubru 2019[15]. Konsegwentement, l-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, li għall-applikazzjoni tiegħu jeħtieġ li jiġi stabbilit li d-delitt l-ieħor ikun ġie kommess fi żmien ħames snin (f'dan il-każ) minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena preċedentement inflitta, m'huwiex applikabbli.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-piena, fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, hija qieset diversi fatturi, fosthom il-fedina penali immensament refrattarja tal-imputat li minkejja li nghata opportunitajiet varji biex jirriforma ruħu, anke billi nghata sanzjonijiet komunitarji taht il-provvedimenti tal-Kap. 446, huwa evidentement naqas milli jagħraf kif ghandu jimxi fit-triq it-tajba u jzomm 'il boghod mid-delinkwenza. Tosserva wkoll illi minkejja li hija kienet poġġiet lill-imputat taħt Ordni provviżorju ta' Superviżjoni meta ħelsitu mill-arrest, din is-superviżjoni ma ħalliet l-ebda frott tant illi l-Ordni ġiet revokata permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Jannar 2021. Din ir-revoka saret wara li l-Qorti qieset id-diversi rapporti kif ukoll ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Gordon Grech[16] li lkoll jirreġistraw mankanza assoluta da parti tal-imputat ta' interess fis-superviżjoni tiegħu u fir-rijabilitazzjoni tiegħu, manifestat fin-nuqqas ta' attendenza għall-appuntamenti u nuqqas ta' komunikazzjoni mal-Uffiċjal tal-Probation.

Huwa minnu, madanakollu, illi reċentement l-imputat beda juri ftit interess li jirriforma ruhu billi indika xewqa li jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-dipendenza serja li għandu fuq id-droga, liema vizzju ilu jaħkmu għal zmien twil u li huwa evidentement il-fattur motivanti tal-kondotta kriminuża tiegħu. Għalkemm mill-provi li l-Qorti semgħet in konnessjoni mat-talba tal-imputat taħt l-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jirriżultax li dik ix-xewqa ta' rijabilitazzjoni ssarrfet effettivament f'xi xorta ta' progress fir-rijabilitazzjoni tiegħu mid-dipendenza fuq id-droga, il-Qorti tqis li l-imputat ma jistax ħlief jibbenefika minn trattament u għalhekk

[15] Il-piena inflitta ta' sitt xhur ħabs ġiet skontata fl-24 ta' Settembru 2014.
[16] Ara xhieda tal-24 ta'  Frar 202.

sejra tieħu spunt mill-ftit interess li wera u timponi fuqu t-trattament meħtieġ fir-rigward inkluż, jekk hemm bżonn, li l-imputat jieħu dik il-kura f'istituzzjonijiet residenzjali bil-ghan li jinheles mill-vizzju tad-droga.

Madanakollu, minħabba dak li jipprovdi l-Artikolu 28A(7)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti hija prekluża milli tapplika d-dispożizzjonijiet tal-istess Artikolu 28A u kwindi wkoll tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali f'dan il-każ u dan minħabba li l-imputat qed jinstab ħati li wettaq ir-reati fil-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

Għall-fini tat-talba tal-Prosekuzzjoni tal-arrest mill-ġdid tal-imputat taħt l-Artikolu 579(3) tal-Kap. 9, il-Qorti tifhem illi għalkemm huwa minnu li l-imputat qed jinstab ħati ta' żewġ istanzi ta' ksur ta' waħda mill-iktar kundizzjonijiet gravi imposti fuqu għall-fini tal-ħelsien mill-arrest, ċioe' li ma jikkommettix delitt ieħor waqt li jkun meħlus mill-arrest - delitt li madanakollu huwa kkommetta - in vista ta' dak kollu appena kkunsidrat hija ma tqisx illi għandha tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest tal-imputat. Bla dubju, anke jekk il-ksur tal-kundizzjoni tkun ta' konsegwenza serja, ir-riarrest tal-ħati m'huwiex konsegwenza neċessarja ta' ħtija taħt l-Artikolu 572(2) tal-Kap. 9 u l-Qorti tista' tuża d-diskrezzjoni tagħha fir-rigward abbażi ta' konsiderazzjonijiet relevanti, fosthom il-konsiderazzjoni illi f'dan il-każ l-emfasi għandu jkun fuq it-trattament u r-rijabilitazzjoni tal-imputat anzicche' fuq miżuri li mhu ser iħallu l-ebda frott fir-riforma tiegħu u li tabilħaqq jistultifikaw l-aspett riformattiv tal-piena. Inoltre, f'kull każ, għandu jinżamm sens ta' proporzjonalita' fil-piena u l-konsegwenzi tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati l-imputat anke fir-rigward, għalhekk, tal-ammont li ser jiġi konfiskat mill-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.

**Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 261(b)(ċ), 263, 264, 267, 278(2), 279(a), 280 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil AARON STEVEN STEWART EDWARD RITCHIE ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet kif ukoll ħati tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-Artikolu 49 iżda mhux ukoll taħt l-Artikoli 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; għall-fini**

**tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tittratta lill-ħati għar-reat li dwaru saret l-ordni għal liberazzjoni kundizzjonata fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-17 ta' Ottubru 2017 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Aaron Steven Stewart Edward Ritchie, u tikkundannah komplessivament għoxrin (20) xahar priġunerija.**

**Għall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati AARON STEVEN STEWART EDWARD RITCHIE sabiex jingħata t-trattament meħtieġ biex jegħleb il-vizzju tal-abbuż mid-droga u dan għal perijodu ta' tliet (3) snin, taħt it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment.**

**Il-Qorti qiegħda tordna wkoll il-konfiska tas-somma ta' elfejn Euro (€2,000) mill-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija bid-digriet tas-17 ta' Mejju 2019[17] kif ukoll il-konfiska tas-somma ta' elfejn Euro (€2,000) mill-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija bid-digriet tat-22 ta' Ottubru 2019[18], b'kollox is-somma ta' erbat elef Euro (€4,000) iżda tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest tal-ħati u l-arrest mill-ġdid tiegħu.**

**Għall-fini tal-Artikolu 15A u l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna lill-ħati sabiex iħallas lill-parti offiża f'dan il-każ, ċioe' lil Robert Fenech għan-nom ta' Velmor Stationery, Raħal Ġdid, is-somma ta' tmien mija u ħamsin Euro (€850) bħala kumpens għat-telf soffert b'riżultat tal-kommissjoni tar-reat ta' serq li qed jinstab ħati tiegħu, u dan fi żmien sitt (6) xhur mid-data meta jkun skonta l-piena ta' priġunerija. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

---

[17] Fol. 95

[18] Fol. 107.

**Billi ma jirriżultax li gew maħtura xi esperti f'dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta, tiċħad it-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna illi din is-sentenza kif ukoll l-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tal-ħati, jigu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole kif ukoll lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi.**

**DR RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**